# Iż-Żejtun fil-Miġja tal-Franċiżi
## Ġunju 1798

*Kitba: Kan. Joe. Abela*



### Il-Franċiżi jkeċċu lill-Kavallieri

200 sena ilu, proprju fix-xahar ta' Ġunju 1798, il-Maltin raw lis-suldati Franċiżi, immexxija minn Napuljun Bonaparti nnifsu jkeċċu mill-gżejjer tagħna lill-Kavallieri ta' San Ġwann, wara li dawn kienu ilhom magħna mis-sena 1530. Ftit huma l-istoriċi li jħarsu lejn il-perjodu Franċiż ta' l-istorja ta' Malta b'xi simpatija - u bir-raġun kollu. Tant il-Franċiżi wettqu affarijiet li l-poplu Malti ma kienx lest għalihom. Fost ħwejjeġ oħra, is-serq ta' teżori minn ċerti knejjes, għalkemm mhux miż-Żejtun. Dan wassal għall-famuża rewwixta tal-Maltin kontra l-Franċiżi f'Settembru 1798. Iżda mhux kull ma għamlu l-Franċiżi f'Malta kien ħażin.

Bejn Ġunju u Settembru 1798, laħqu għaddew tliet xhur. Biex inkunu aktar eżatti ngħidu li l-Ordni ċediet Malta formalment lill-Franċiżi nhar it-12 ta' Ġunju u r-rewwixta tal-Maltin kontra l-Franċiżi bdiet fit-3 ta' Settembru ta' l-istess sena. M'għandi l-ebda intenzjoni li f'dan l-artiklu nikteb dwar is-sehem taż-Żwieten f'din ir-rewwixta, iżda nixtieq nillimita ruħi biss għas-sehem li huma taw fil-miġja tal-Franċiżi u fit-tliet xhur qabel faqqgħet ir-rewwixta. Biex nikteb dwar is-sehem li ż-Żwieten taw fir-rewwixta kontra l-Franċiżi jkolli bżonn ħafna aktar minn artiklu wieħed!

### Il-Qlubija taż-Żwieten fit-Torri ta' San Luċjan.

Fl-1798 Marsaxlokk kien għadu parti miż-Żejtun, u allura t-Torri ta' San Luċjan kien jagħmel maż-Żejtun. Skond il-pjan ta' l-invażjoni it-truppi Franċiżi li kellhom jiżbarkaw f'Marsaxlokk kienu taħt it-tmexxija tal-Ġeneral Desaix, filwaqt li t-Torri ta' San Luċjan kien taħt il-kmand tal-Kavallier Du Pin del la Gueriviere, li qabel kien logutenent tal-flotta ta' l-ordni. Il-Kavallieri u l-Maltin fit-Torri għamlu reżistenza kbira lis-suldati Franċiżi, u l-ġlied baqa' sejjer sa l-għada filgħodu. Suldati Maltin fit-torri kien hemm 160 wieħed, u żgur li ħafna minnhom kienu Żwieten. It-torri kien mgħammar bi 18-il kanun, u l-Maltin ma ċedewx qabel spiċċalhom il-munizzjoni kollu. Dan ifisser li ż-Żwieten baqgħu jiġġieldu lill-Franċiżi, fl-istess waqt li l-Gran Mastru kien diġa` qiegħed jinnegozja li jċedi wara d-diżordni u l-paniku li kienu qamu fil-belt Valletta. Minħabba l-qlubija li l-Maltin urew fit-Torri ta' San Luċjan, il-Ġeneral Franċiż ippermetta li huma jirtiraw bl-unuri kollha tal-gwerra sal-Kottonera.

### Ġlied Imdemmi fl-Inħawi ta' Delimara..

Prova oħra tal-ġlied qalil li sar fl-inħawi tal-Ponta ta' Delimara, huwa l-fatt li xahar wara, il-Kummissjoni tal-Gvern Franċiż f'Malta ħarġet somma ta' flus biex jitħallsu l-ispejjeż li Anġlu Azzopardi, is-Sindku taż-Żejtun fi żmien il-Franċiżi kien għamel biex jindifnu il-ħafna kadavri li kienu jinsabu fl-inħawi taż-Żejtun! Hekk per eżempju l-kadavru ta' Anġlu Bonniċi, Żejtuni ta' 55 sena li miet fil-ġlied kontra l-Franċiżi, meta dawn invadew lil Malta seta` jiġi maħruq biss erbat

*(ikompli f'paġna 67)*

*(ikompli minn paġna 66)*

ijiem wara. Jidher ukoll li s-suldati Franċiżi, minkejja l-ordnijiet kuntrarji serqu ġmielhom mid-djar taż-Żwieten. Tant hu hekk li l-Muniċipalita` taż-Żejtun, imwaqqfa mill-Franċiżi stess, kellha titlob ħlas għall-ħsara li s-suldati Franċiżi wettqu fi żmien l-invażjoni.

## Il-Muniċipalita` taż-Żejtun

Ftit ġranet wara l-wasla tagħhom f'Malta, il-Franċiżi qasmu lil Malta f'numru ta' Muniċipalitajiet għall-amministrazzjoni aħjar tal-Gżejjer Maltin. Il-Muniċipalita` taż-Żejtun kienet tiġbor fiha wkoll lil Ħaż-Żabbar, li dak iż-żmien kien għadu iżgħar miż-Żejtun fin-numru ta' abitanti, lil Ħal Għaxaq u lil Ħal Tarxien. Il-President ta' din il-Muniċipalita` kien Dr. Pawlu Mallia minn Ħaż-Żabbar. Żewġ Żwieten prominenti f'din il-Muniċipalita` kienu l-membri Dr. Xandru Żammit u s-Sur Antonio Busuttil.



Reġistrazzjoni tal-Familja ta' Dr. Xandru Żammit ftit wara li miet fl-1816. Innota li ibnu Dun Mattia kien joqgħod ma' ħutu fl-istess dar. Il-kelma "obit" tfisser li miet.

## Dr. Xandru Zammit

Xandru twieled fiż-Żejtun fl-1745, allura fil-1798 kellu 53 sena. Martu kien jisimha Generosa u kellu familja numeruża. Fost it-tfal nistgħu nsemmu lil Dun Mattia, Wiġi, M'Anna, Vincenzia, Benedetta, Evangelista u Salvu. Kien joqgħod bil- familja tiegħu fil-Gwiedi. Dr. Żammit miet fit-3 ta' Ġunju, 1816. Wieħed mit-tfal tiegħu li baqa' msemmi fl-istorja kien Dumnikan, Patri Mikelanġ Żammit. Hu kien arkivista fil-Kunvent tad-Dumnikani fir-Rabat u kiteb l-Istorja tal-Kunvent tiegħu bejn is-snin 1805 u 1827. Kien bniedem metikoluż u eżatt ħafna f'dak kollu li kiteb. Jidher li t-Tabib Xandru Żammit kien professjonist popolari ħafna fiż-Żejtun, għaliex bħala tabib bilfors li ġie msejjaħ bosta drabi biex idewwi l-ħafna feruti Żwieten kemm fl-invażjoni u kemm ukoll fir-rewwixta. Ġimgħatejn biss wara l-miġja tagħhom f'Malta l-Franċiżi għażlu numru ta' mħallfin biex iżommu l-paċi f'dawn il-gżejjer. Responsabbli miż-Żejtun kien l-Imħallef Ċensu Borġ, li serva biss għal tliet ġimgħat, u warajh ġie maħtur Nikol Żammit.

*(ikompli f'paġna 67)*

*(ikompli minn paġna 67)*


Die 3. Junii 1816.

Reġistrazzjoni tal-mewt tat-tabib (Dr. Physicus) Xandru (Alexander) Żammit fit-3 ta' Ġunju, 1816. Osserva li Xandru kien ir-raġel tal-mejta Generosa. Hu kien ġie maħtur mill-Franċiżi membru tal-muniċipalita` taż-Żejtun fis-sena 1798.

## L-Inkwiet jibda kmieni fiż-Żejtun.

Minkejja li r-rewwixta ġenerali kontra l-ħakma tal-Franċiżi faqqgħet fil-beraħ nhar it-3 ta' Settembru, jidher li l-inkwiet fl-inħawi taż-Żejtun beda saħansitra qabel. Tant hu hekk li l-Muniċipalita` taż-Żejtun fil-25 ta' Lulju kienet diġa` irrapurtat ġlieda kbira li kienet inqalgħet bejn xi Maltin u suldati Franċiżi li kienu għassa fit-Torri ta' San Tumas. Ftit ġimgħat wara dan it-torri kellu sehem mhux ħażin fit-taqbida kontra l-Franċiżi.

## Liġijiet li saru għal Malta.

Fil-bidu ta' dan l-istudju għidna li mhux kull ma sar mill-Franċiżi f'Malta kien ħażin. Fil-fatt fis-sitt ijiem li Napuljun għamel f'Malta qabel baħħar lejn l-Eġittu, hu laħaq ħareġ numru ta' ordnijiet li, kieku kien hemm iż-żmien li jiġu mwettqin, żgur li kienu se jkunu ta' ġid għall-Maltin . Hekk per eżempju, l-abitanti ta' Malta, minn dakinhar 'l quddiem kellu jkollhom jeddijiet indaqs. Il-jasar f'Malta kien abolit. Fil-fatt is-saċerdot Gejtanu Mannarino li kien mexxa rewwixta kontra l-ħruxija ta' l-Ordni u mitfugħ il-ħabs, ġie lliberat mill-Franċiżi. Skond Napuljun kellhom jitwaqqfu f'Malta ħmistax-il skola primarja għall-edukazzjoni tat-tfal Maltin. Mikiel Anton Vassalli stess kien, qabel Napuljun, innota s-siwi tat-twaqqif ta' skejjel simili. Barra minn hekk sittin żagħżugħ Malti kellhom jintbagħtu Pariġi għall-edukazzjoni għolja. L-Universita` kellha tinbidel fi Skola Ċentrali Politeknika, fejn kellhom jiġu mgħallmin il-Matematika, il-Mekkanika, il-Kimika, in-Navigazzjoni u suġġetti simili.

## Napuljun jagħti lill-Isqof il-Knisja ta' San Ġwann.

Ma ninsewx ngħidu wkoll li kien Napuljun li ta lill-Isqof ta' Malta, dak iż-żmien Mons. Vincenzo Labini, l-użu tal-Kon Kattidral ta' San Ġwann, Valletta. Fi żmien il-Kavallieri, l-Isqof ta' Malta ma kienx imexxi l-funzjonijiet f'San Ġwann, li kienet proprjeta` tal-Ordni u mhux tad-Djoċesi. Fi żmien il-Kavallieri, l-Isqof ta' Malta, meta jiffunzjona fil-belt Valletta, kien juża l-Knisja ta' San Pawl, u mhux San Ġwann.

Sfortunatament f' Settembru 1798 il-folja nqalbet għal kollox. Il-Ġeneral Franċiż Vaubois, li Napuljun ħalla minfloku hawn Malta, ippermetta li jsiru ħafna affarijiet li żgur ma messhomx saru mill-Franċiżi. Dan wassal għal perjodu mdemmi tar-rivoluzzjoni.